

31962R0049

1.7.1962

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

53/1571

IR-REGOLAMENT Nru 49 TAL-KUNSILL**li jemenda d-data ta' dħul fis-seħħ ta' ċerti atti rigward il-politika agrikola komuni**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITÀ EKONOMIKA EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 42, 43 u 44 ta' dan it-Trattat,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi r-Regolamenti tal-Kunsill Nri 19 sa 23, 25 u 26 li għandhom x'jaqsmu mal-politika agrikola komuni u d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-prezzijiet minimi jstabilixxu li l-biċċa l-kbira tad-diżpożizzjonijiet tagħhom għandhom jibdeu japplikaw mill-1 ta' Lulju 1962;

Billi l-Istati Membri għandhom ikollhom perjodu raġjonevoli sabiex tkun possibbli l-applikazzjoni effettiva ta' l-atti msemmija hawn fuq u tad-dispożizzjonijiet implimentattivi adottati mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni, li xi uħud minnhom setgħu biss jiġu addottati ftit qabel l-1 ta' Lulju 1962;

Billi, b'danakollu, is-sena tas-suq għaċ-ċereali fil-Komunità tibda bl-eċċezzjoni tal-qamħirrum, madwar l-1 ta' Lulju; billi, fir-rigward tas-sena tas-suq 1962/63 jista' jkun għalhekk meħtieġ li jittieħdu miżuri fuq is-suq intern mill-1 ta' Lulju 1962;

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. Id-data ta' l-1 ta' Lulju 1962 għandha tiġi ssostitwita minn dik tat-30 ta' Lulju 1962 fl-:

- (a) L-Artikoli 23 u 29 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 19 dwar l-istabbiliment progressiv ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali;

- (b) L-Artikoli 17 u 23 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 20 dwar l-istabbiliment progressiv ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam tal-majjal;

- (ċ) L-Artikoli 13, 14 u 20 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 21 dwar l-istabbiliment progressiv ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd;

- (d) L-Artikoli 14 u 20 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 22 dwar l-istabbiliment progressiv ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tat-tjur;

- (e) L-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 23 dwar l-istabbiliment progressiv ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħxejjex;

- (f) L-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 25 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni;

- (g) L-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 26 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli tal-kompetizzjoni għall-produzzjoni, u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli;

- (h) L-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar prezzijiet minimi.

2. Id-data tat-30 ta' Ġunju 1962 għandha tiġi sostitwita minn dik tad-29 ta' Lulju 1962 fl-Artikolu 9(2)(a) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 23.

3. Madanakollu fl-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill Nri 19 sa 22, l-ewwel sena ta' l-implimentazzjoni tas-sistema ta' l-imposti għandha titqies li tintemm fit-30 ta' Ġunju 1962.

4. Sa mill-1 ta' Lulju 1962 il-gvernijiet ta' l-Istati Membri għandhom jieħdu dawk il-passi kollha meħtieġa fir-rigward tas-suq intern sabiex jagħtu effett lid-diżpożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill Nru 19 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali sa mit-30 ta' Lulju 1962.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1962.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Ġunju 1962.

Għall-Kunsill

Il-President

M. COUVE DE MURVILLE
